C/2025/1043

11.2.2025

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2025/1043)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Palette"

PDO-FR-A0185-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 15.1.2025

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Żona ġeografika**

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-denominazzjoni Palette huwa ssupplimentat mingħajr ebda bidla fil-punt 1 - "Żona ġeografika" fit-taqsima "IV – Żoni u postijiet li fihom jitwettqu diversi operazzjonijiet" sabiex tiżdied ir-referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2023.

Din l-emenda editorjali tagħmilha possibbli li ssir referenza għaż-żona ġeografika skont il-verżjoni fis-seħħ fl-2023 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE, u li jkun hemm ċertezza legali dwar id-demarkazzjoni taż-żona ġeografika.

Id-Dokument Uniku huwa ssupplimentat b'din ir-referenza fil-punt "Definizzjoni taż-żona demarkata".

2. **Prattiki tal-kultivazzjoni**

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Palette huwa ssupplimentat fit-taqsima "VI - Ġestjoni tal-vinja":

— fil-punt 2 - b) Prattiki oħra ta' kultivazzjoni: tiżdied dispożizzjoni biex jiġi ċċarat li l-kontroll tal-ħaxix ħażin bil-kimika huwa pprojbit.

— fil-punt 3 - Irrigazzjoni: id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-prattika tal-irrigazzjoni ġew speċifikati. Il-fertigazzjoni hija pprojbita barra mill-perjodu ta' irrigazzjoni awtorizzat u l-installazzjonijiet ta' irrigazzjoni taħt l-art huma pprojbiti. It-tagħbija massima medja tar-roqgħa art għall-irqajja' art irrigati tnaqqset minn 6 000 kg/ha għal 5 500 kg/ha sabiex tiġi ppreservata l-kwalità tal-għeneb.

Dawn id-dispożizzjonijiet ġew inklużi fid-Dokument Uniku, taħt "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid".

3. **Data taċ-ċirkolazzjoni tal-inbejjed**

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Palette ġie emendat fit-taqsima IX tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar l-"ipproċessar tal-inbejjed u l-imballaġġ". Fil-punt 5, id-data taċ-ċirkolazzjoni tal-inbejjed bejn in-negozjanti u dawk li jikkummerċjalizzawhom tħassret sabiex l-inbejjed ikunu jistgħu jiġu ċċirkolati bejn l-operaturi kollha u jiġi eliminat kwalunkwe riskju ta' kompetizzjoni inġusta.

Dan it-tħassir ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

4. **Obbligi ta' kontroll tal-operaturi**

Il-Kapitoli II u III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott li jikkonċernaw l-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-operaturi u l-punti ewlenin li għandhom jiġu vverifikati ġew aġġornati biex jinġiebu f'konformità mal-pjan ta' kontroll għad-denominazzjoni.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Palette

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 - XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 - Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

DESKRIZZJONI QASIRA

Id-denominazzjoni ta' oriġini Palette hija riżervata għall-inbejjed bojod, ħomor u rożè bla gass.

— L-inbejjed għandhom qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 11,5 %.

— Fl-istadju tal-imballaġġ, l-inbejjed ħomor ikollhom kontenut ta' aċidu maliku ta' 0,4 grammi jew inqas għal kull litru.

— Wara l-fermentazzjoni, l-inbejjed bojod u rożè ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' 4 grammi jew inqas għal kull litru.

— Wara l-fermentazzjoni, l-inbejjed ħomor ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' 3 grammi jew inqas għal kull litru.

— Il-kontenut tal-aċidità totali, tal-aċidità volatili u tad-diossidu tal-kubrit huwa kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

L-inbejjed ħomor huma ta' kulur skur, b'aromi fini u eleganti ta' frott aħmar, spiss tal-ġilda, tal-kawkaw u b'ammont kunsiderevoli ta' tannini korpużi u bbilanċjati. Bħala nbejjed b'konservazzjoni twila, jeħtieġu perjodu twil ta' tqaddim fil-btieti biex jimmaturaw.

L-inbejjed rożè huma nbejjed ibbilanċjati u fini, b'aromi ta' fjuri u ta' frott u struttura tajba fil-palat, li jiżguraw konservazzjoni tajba.

L-inbejjed bojod huma kumplessi u bbilanċjati sew, ġeneralment b'aromi ta' fjuri, balsamiċi u tal-arżnu, b'vivaċità eleganti, b'togħma li ddum fil-ħalq u potenzjal sorprendenti ta' konservazzjoni.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): —

— Aċidità totali minima: —

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): —

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Prattika tal-kultivazzjoni

— Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 000 pjanta għal kull ettaru.

Il-wisa' bejn il-flanni ma tistax tkun akbar minn 2,50 metri u l-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann ma jistax ikun inqas minn 0,80 metru.

— Id-dwieli jinżabru qosra (Gobelet jew Cordon de Royat) b'massimu ta' 12-il għajn għal kull pjanta. Kull difer għandu massimu ta' 2 għejun. Madankollu, il-pjanti tas-Syrah N jista' jkollhom sa 18-il għajn b'massimu ta' 3 għejun għal kull difer.

— Id-dwieli li għandhom aktar minn 50 sena (weraq tal-51 sena) jistgħu jinżabru b'aktar minn 12-il għajn għal kull pjanta.

— L-irrigazzjoni matul l-istaġun tal-veġetazzjoni tad-dwieli ma hijiex permessa, ħlief f'każ ta' nixfa persistenti u meta din tfixkel l-iżvilupp fiżjoloġiku tajjeb tad-dwieli u l-maturazzjoni tajba tal-għeneb.

— Il-fertigazzjoni hija pprojbita barra mill-perjodu ta' irrigazzjoni awtorizzat.

— L-installazzjonijiet tal-irrigazzjoni taħt l-art huma pprojbiti.

— Meta tkun awtorizzata l-irrigazzjoni, il-medja tat-tagħbija massima għal kull roqgħa art għall-irqajja' art irrigati hija stabbilita għal 5 500 kilogramma għal kull ettaru.

— Il-kontroll tal-ħaxix ħażin bil-kimika huwa pprojbit.

— L-użu ta' magna tal-ħsad jew kwalunkwe mezz ieħor li ma jippermettix li jiġu ttrasportati l-għenieqed sħaħ tal-għeneb lejn is-siti tal-vinifikazzjoni huwa pprojbit.

— Il-ħsad irid jiġi magħżul sabiex tiġi żgurata l-aħjar kwalità tal-ħsad.

— Il-ħsad jiġi ttrasportat f'kontenituri li ma jesgħux aktar minn 50 kilogramma ta' għeneb.

2. Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom

— L-użu taċ-ċana huwa pprojbit.

— Għall-produzzjoni tal-inbejjed rożè, l-użu tal-faħam għall-użu enoloġiku huwa awtorizzat għall-most u għall-inbejjed ġodda li jkunu għadhom qegħdin jiffermentaw wara l-għasir sal-limitu ta' 10 % tal-volum tal-inbejjed rożè prodotti mill-produttur tal-inbid ikkonċernat, għall-ħsad inkwistjoni, u b'ammont massimu ta' 60 gramma għal kull ettolitru.

Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, l-inbejjed iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-livell tal-UE kif ukoll fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu f'dak li għandu x'jaqsam mal-prattiki enoloġiċi użati.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

45 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taz-żona demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed isiru fit-territorju ta' partijiet mill-Muniċipalitajiet li ġejjin tad-département ta' Bouches-du-Rhône fuq il-bażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tas-sena 2023: Aix-en-Provence, Meyreuil, Le Tholonet.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Bourboulenc B - Doucillon blanc

Brun Fourca N

Cabernet-Sauvignon N

Carignan N

Castets N

Cinsaut N - Cinsault

Clairette B

Clairette rose Rs

Colombaud B - Bouteillan

Durif N

Furmint B

Grenache N

Grenache blanc B

Mourvèdre N - Monastrell

Muscat d'Alexandrie B - Muscat, Moscato

Muscat de Hambourg N - Muscat, Moscato

Muscat à petits grains blancs B - Muscat, Moscato

Muscat à petits grains rouges Rg - Muscat, Moscato

Pascal B

Picardan B - Araignan

Piquepoul blanc B

Syrah N - Shiraz

Terret gris G

Tibouren N

Téoulier N

Ugni blanc B

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Informazzjoni dwar iż-żona ġeografika*

a) - Deskrizzjoni tal-fatturi naturali li jikkontribwixxu għar-rabta

Iż-żona ġeografika, li tinsab fit-tarf ta' Aix-en-Provence, tifforma parti minn ċirku mdawwar bil-foresti, skulat mix-xmajra Arc u protett mill-irjieħ mit-tul għoli tal-Barres de Langesse u tal-Grand Cabri, u mill-muntanja Cengle, f'qiegħ il-massa enormi tal-blat tal-muntanja ta' Saint-Victoire.

L-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata huwa marbut mal-irħajjel ta' "Palette" li jinsab fil-Muniċipalità ta' Tholonet.

L-irqajja' art maħsuba għall-ħsad tal-għeneb huma demarkati preċiżament fuq il-formazzjonijiet kalkarji terzjarji ta' Lutécien, li jikkorrispondu, f'din iż-żona, għall-formazzjonijiet kalkarji tal-lagi ta' Montaiguet u Langesse, li jinsabu f'parti mill-muniċipalitajiet ta' Meyreuil, Tholonet u Aix-en-Provence, fejn tinsab iż-żona ġeografika.

Il-ġeologi jirreferu wkoll għall-orizzont ta' "Palette" meta jsemmu dawn il-formazzjonijiet.

Il-ħamrija taflija u kalkarja, li hija ġeblija u skulata sew, tiżviluppa prinċipalment fuq il-ġebel tal-ġir tal-lag ta' Langesse u Montaiguet u ż-żoni kolluvjali tal-fruntiera tagħhom.

It-topografija twassal għal klima Mediterranja partikolari, protetta mill-irjieħ kesħin mit-Tramuntana, u toħloq sitwazzjonijiet ta' għoljiet u għoljiet baxxi li jaraw medja ta' 3 000 siegħa ta' xemx fis-sena u xita annwali medja ta' 650 millimetru. Minbarra din il-klima diġà favorevoli, l-effett ta' moderazzjoni tal-ftuħ, mill-wied tal-Arc, fuq l-Etang de Berre, li ż-żiffiet tal-baħar tiegħu jrażżnu s-sħana solari tas-sajf u jżommu ftit umdità billejl, u b'hekk joħolqu kundizzjonijiet ottimali ta' maturazzjoni għall-għeneb.

Il-vinji jinsabu fil-qalba ta' kampanja mill-isbaħ, fejn hemm il-forom suwed twal taċ-ċipress, id-dwieli, l-imsaġar taż-żebbuġ u s-siġar tal-arżnu, fuq ħamrija ħamranija, li ispiraw lill-pittur Cézanne.

b) – Deskrizzjoni tal-fatturi umani li jikkontribwixxu għar-rabta

Il-vinja, li qabel kienet ikkultivata fiż-żona ta' Aix, kienet soġġetta għal kultivazzjoni aktar metodika fi żmien ir-Re RENÉ, li kien ir-re tad-dwieli, id-Duka ta' Anjou u l-Konti ta' Provence. Ir-Re RENÉ introduċa fi Provence l-varjetajiet ta' dwieli "Panse" u l-għeneb "muscats" li għadhom jinsabu fiż-żona ta' "Palette" sal-lum. F'dak iż-żmien, l-inbejjed tal-għoljiet li jmissu mal-wied tal-Arc kienu jgawdu reputazzjoni eċċellenti u kienu jintgħoġbu mir-Re nnifsu.

Fl-1455, huwa sar is-sid tal-kastell u tat-territorju ta' Gardanne fil-fruntiera tan-Nofsinhar ta' Meyreuil.

Barra mit-territorju tiegħu stess u fil-madwar, ir-Re RENÉ ppromwova l-kultivazzjoni tad-dwieli. Huwa qabel mal-qsim mill-ġdid tal-art bejn individwi f'Gardanne biss bil-kundizzjoni li titħawwel bid-dwieli (Archives des Bouches-du-Rhône - 1472).

Qari tal-kollezzjonijiet il-qodma tal-Grands Carmes d'Aix (l-arkivji tad-département) jgħidilna li xi patrijiet li oriġinaw minn Provence kienu s-sidien tal-"Bastide de Meyreuil" fl-1551. Huma kienu jisfruttaw din iż-żona billi jiżviluppaw il-produzzjoni taż-żebbuġ u, fuq kollox, il-produzzjoni tal-inbid, u jfittxu li jiżviluppaw il-kwalità tal-inbejjed u l-ispirti prodotti. L-inbejjed, magħrufa bħala eċċellenti, diġà kienu jitqaddmu f'kantini taħt l-art, li kienu għadhom jeżistu fl-2009, u li l-patrijiet stess kienu ħaffru fil-ġnub tal-għolja.

Wara akkwiżizzjonijiet suċċessivi, dawn it-tradizzjonijiet inżammu f'din iż-żona mill-familja PASCALIS imbagħad mill-familja ROUGIER. Għalhekk, id-"Domaine de la Simone" ġej mid-diversi akkwiżizzjonijiet magħmula mill-bużnanniet, min-nannu u minn missier Jean ROUGIER. L-ewwel waħda minn dawn l-akkwiżizzjonijiet tmur lura għall-1838, u l-aħħar waħda saret fl-1896. Dawn għamluha possibbli li jerġgħu jiffurmaw, imbagħad jiġu żviluppati, dawk li qabel kienu l-"Bastide" tal-Grands Carmes u r-"Rendez-Vous" tar-Re RENÉ. L-għażla tal-varjetajiet ta' dwieli magħmula minn din il-familja, il-vinifikazzjoni b'reqqa kbira u t-tqaddim naturali fil-kantini ta' taħt l-art fiż-żona wasslu għall-fama dejjem tikber tal-inbejjed tax-Château Simone kemm fi Franza kif ukoll lil hinn minnha. Fl-1946, il-familja ROUGIER applikat biex iż-żona tiġi rikonoxxuta bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata. Peress li d-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata titqies bħala dritt kollettiv, qed jiġi propost li jiġi rikonoxxut l-isem preċedenti Palette, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-irħula żgħar tal-madwar (it-tliet Sautets, Languesse, eċċ.), fejn jiġu prodotti wkoll dawn l-inbejjed magħrufa (flimkien mad-Domaine du Montaiguet, La Dominante, eċċ.).

Għalhekk, il-vinja ta' Palette, li ilha mħawla 500 sena, hija oriġinali f'termini tal-varjetà ta' dwieli varjata tagħha, magħmula minn varjetajiet tradizzjonali Mediterranji, Bourboulenc B, Clairette B, Cinsaut N, Grenache N, Mourvèdre N, iżda wkoll varjetajiet aktar antiki bħal Brun Fourca N, Colombaud B, Panse Muscade B, u Panse du Roy René, li kkontribwew għar-reputazzjoni tal-inbejjed Palette, li ġew rikonoxxuti bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata fit-28 ta' April 1948.

Fl-2009, il-vinja kienet tikkonsisti fi 43 ettaru, bi produzzjoni annwali ta' 1 600 ettolitru, maqsuma bejn ħames vitikulturisti.

8.2. *Informazzjoni dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott*

L-inbejjed ħomor u rożè huma nbejjed imħallta.

L-inbejjed ħomor huma magħmula prinċipalment mill-varjetajiet Grenache N u Mourvèdre N, flimkien ma' ftit varjetajiet ta' dwieli antiki li issa huma neqsin fil-bqija taż-żona tan-Nofsinhar.

Dawn l-inbejjed huma ta' kulur skur, b'aromi fini u eleganti ta' frott aħmar, spiss tal-ġilda, tal-kawkaw u ammont kunsiderevoli ta' tannini korpużi u bbilanċjati. Bħala nbejjed b'konservazzjoni twila, jeħtieġu perjodu twil ta' tqaddim twil fil-btieti biex jimmaturaw.

L-inbejjed rożè huma magħmula prinċipalment mill-varjetajiet Grenache N u Cinsaut N, ukoll flimkien ma' xi varjetajiet ta' dwieli antiki ħafna.

Huma nbejjed ibbilanċjati u fini, b'aromi ta' fjuri u ta' frott u struttura tajba fil-palat, li jiżguraw konservazzjoni tajba.

L-inbejjed bojod huma magħmula prinċipalment mill-varjetajiet Clairette B u Clairette rose Rs, flimkien ma' firxa ta' varjetajiet ta' dwieli li ilhom ħafna mħawlin.

Huma kumplessi u bbilanċjati sew, ġeneralment b'aromi ta' fjuri, balsamiċi u tal-arżnu, b'vivaċità eleganti, b'togħma li ddum fil-ħalq u potenzjal sorprendenti ta' konservazzjoni.

8.3. *Interazzjonijiet kawżali*

It-taħlita ta' meżoklima xotta b'varjazzjonijiet termali mrażżna, topografija fil-forma ta' ċirku protett mill-irjieħ mit-Tramuntana, ħamrija mhux fonda żviluppata fuq formazzjonijiet ta' tafal u ġir, u l-ġnub tal-għoljiet, tagħti lill-vinja kollha ta' Palette kundizzjonijiet favorevoli għall-maturazzjoni tal-varjetajiet kollha.

Il-produtturi ffavorixxew iż-żamma ta' firxa wiesgħa ta' bijodiversità tal-pjanti billi ma ċedewx għat-tentazzjoni li jissimplifikaw il-varjetajiet tad-dwieli. Fil-kuntest ta' Palette, din id-diversità tal-pjanti tiggarantixxi l-aħjar espressjoni tat-terroir. Il-varjetajiet antiki u mħarsa b'mod metikoluż, flimkien mal-varjetajiet ta' dwieli tradizzjonali Mediterranji, jikkontribwixxu għall-oriġinalità tal-inbejjed ta' Palette u għall-kapaċità partikolari tat-tqaddim li tagħti lil dawn l-inbejjed ir-reputazzjoni tagħhom.

B'taħlita ta' ġestjoni ottimali tal-pjanti, kontroll tas-saħħa u l-potenzjal tal-produzzjoni, rifless fir-rendimenti baxxi li jirriżultaw miż-żabra qasira, u kundizzjonijiet ottimali ta' maturità, l-inbejjed għandhom struttura li tippermettilhom jitqaddmu, xi drabi fit-tul u fil-btieti, bħal fil-każ tal-inbejjed ħomor.

Sabiex jiġu rrispettati l-metodi ta' kultivazzjoni, il-kwalità u l-karatteristiċi tal-materja prima, il-ħsad dejjem isir b'mod manwali sabiex jiġi ttrasportat l-għeneb sħiħ lejn is-siti tal-vinifikazzjoni.

Diġà fl-1772, is-Sur REBOUL, avukat fil-Parlament, kien indika fl-"Observations sur l'agriculture de Provence" tiegħu li hemm raġunijiet primarji: "l-influwenza tal-klima, il-kwalità tal-ħamrija, id-differenza fl-irjieħ dominanti, id-distanza tax-xita u taċ-ċpar, il-fluwidità tal-arja, l-esponiment favorevoli, il-vantaġġ tas-siti...", li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-inbid.

Antoine DAVID (fil-folio Aix - David 1772) jiddikjara li "is-Sur Arnaud, li jieħu ħsieb il-lukanda Saint-Jacques f'Aix, sid ta' bastide li jinsab fiż-żona ta' Aix, fid-distrett ta' Montaiguet, li huwa parzjalment imħawwel bil-Mourvèdre, parzjalment bil-Brun-Fourcat, jipproduċi l-inbid ippreferut fost l-inbejjed kollha ta' Provence mill-barranin kollha li jżuru l-post".

L-inbejjed ta' Tholonet u Meyreuil tant igawdu reputazzjoni tajba li "mis-seklu 18, l-abitanti ta' Meyreuil setgħu jġibu l-inbid tagħhom mingħajr dazju fil-belt ta' Aix" (Encyclopédie des Bouches-du-Rhône - XV 168).

Fl-1906, ir-Re tal-Ingilterra EDWARDU VII, li għadda mir-reġjun, għamel devjazzjoni speċjali "biex iduq l-inbejjed il-kbar tat-terroir".

Din ir-reputazzjoni ġiet ikkonfermata matul is-sekli. Għalhekk, fl-1948, ir-rapport tal-esperti dwar ir-rikonoxximent tal-inbejjed Palette bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata enfasizza li "l-inbejjed Palette, ibbażati fuq tradizzjoni antika ħafna, jistgħu jaffermaw it-titoli ta' nobbiltà universalment rikonoxxuti tagħhom bi kburija".

Ir-reputazzjoni tal-inbejjed Palette baqgħet ħajja tul l-istorja u l-għarfien prattiku tal-produtturi ġie kkonfermat.

B'sehem kbir mis-suq tagħha mis-suq tal-catering u minn barra mill-fruntieri nazzjonali jew għall-esportazzjoni, din id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata toffri apprezzament tajjeb tal-produzzjoni tagħha.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni, il-produzzjoni u t-tqaddim tal-inbejjed, tikkonsisti fil-parti tat-territorju mhux inkluża fiż-żona ġeografika tal-muniċipalitajiet ta' Meyreuil u Le Tholonet fid-département ta' Bouches-du-Rhône.

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

L-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Palette jistgħu jiġu ttikkettati bl-unità ġeografika akbar "Vin de Provence". Id-daqs tal-ittri ta' din l-unità ġeografika akbar ma għandux ikun akbar, fl-għoli jew fil-wisa', mid-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata. L-unità ġeografika akbar "Vin de Provence" tidher fl-istess kamp viżiv bħal dak tal-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-9dfd1458-f6c1-4175-aa88-4175ff0255d6